MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1357/2002

**Citaz Nru: 1357/02 JA.**

**Mon Lung Limited.**

**-vs-**

**Wayne Chetcuti, Gordon Ogilvie u Cheryl Ogilvie.**

**Il-Qorti;**

Il-Qorti rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha ppremettiet:

Illi l-konvenuti ordnaw materjal u xoghol ta' tapezzerija u injam tal-valur komplessiv ta' tmint elef sitt mija u sitta ughxorin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm8,626.15)

minn ghand id-socjeta' attrici u dan kif jidher mid-Dokumenti annessi u mmarkati Dok "A" u Dok "B";

Illi l-konvenut ntrabtu jhallsu ghal dawn ix-xogholijiet u materjal mat-tlestija u l-konsenja tal-istess xogholijiet u materjal mis-socjeta' attrici;

Illi s-socjeta' attrici wettqet debitament ix-xoghol u ikkonsenjat il-materjal kif ordnat mill-konvenuti;

Illi minkejja it-twettieq tax-xoghol u d-debita konsenja ta' materjal mis-socjeta' attrici, sal gurnata tal-lum, mis-somma komplessiva dovuta, il-konvenuti ghadhom hallsu biss elfejn u mitejn Lira Maltin (Lm2200) (Dok. "C");

Illi nonostante li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-bilanc ta' sitt elef erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,426.15), u dan kemm verbalment kif ukoll b' ittri interpellatorji u b' ittri ufficjali, il-konvenuti baqghu inadempjenti (ara Dok. "D" u Dok. "E");

Ghalhekk titlob lill-din Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom debituri versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' sitt elef erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,426.15);

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu is-somma ta' sitt elef erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,426.15).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kif ukoll bl-imghax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Joe Agius fid-29 ta' Novembru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef erba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm6,426.15), bl-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-ittri ufficjali kif wkoll bl-imghax legali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------